# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 671/2014 MH**

**Illum, 29 ta’ Settembru, 2021**

**Rhys Ellul Sullivan (K.I.454596M)**

**vs**

**Zachary Vella (K.I. 302193M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tat-30 ta’ Lulju 2014** permezz ta’ liema ġie premess –

*“Jesponi bir-rispett u Rhys Ellul Sullivan, detentur tal-karta tal-identità numerata 454596M, bil-ġurament tiegħu jiddikjara li huwa jaf* is-segwenti fatti *personalment:*

*1. Illi fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 2012 u 1-1 ta' Jannar 2013, ir-rikorrent safa vittma ta' attakk vjolenti fuq il-persuna tiegħu mingħajr ebda*

*raġuni u/jew provokazzjoni mill-intimat meta ġie aggredit u msawwat minnu ġewwa l-Wardija.*

*2. Illi dan l-inċident seħħ meta lejliet l-ewwel tas-sena, ir-rikorrent flimkien ma' xi ħbieb tiegħu attenda riċeviment ġewwa Castello dei Baroni, Wardija. Waqt li huwa kien qiegħed fil-kamra tal-banju ta' dan il-post, ir-rikorrent ġie aggredit u qala' daqtejn ta' ponn f'wiċċu fil-parti tal-ħalq mill-intimat, li ma kienx jafu qabel, għall-ebda raġuni.*

*3. Illi minhabba dan l-inċident, ir-rikorrent sofra danni b'riżultat ta' diversi grieħi ta' natura gravi f'wiċċu, senjatament f'ħalqu u snienu kif ukoll danni psikoloġiċi u għadu sa llum qiegħed jirċievi trattament mediku, kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi.*

*4. Illi minkejja l-fatt li l-intimat ġie interpellat għall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent, l-intimat baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li jġib is-suriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti -*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat huwa responsabbli għad-danni fiżiċi u psikoloġiċi subiti mir-rikorrent b'riżultat tad-daqqiet li hu tah fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013;*

*2. Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrent b'riżultat tal-istess inċident, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi skond il-każ;*

*3. Tikkundanna lill-intimat għall-ħlas tad-danni hekk likwidati mill-Onorabbli Qorti fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 1573/2014 ppreżentata preċedentement u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut tal-5 ta' Settembru 2014**[1] permezz ta' liema ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet -

*"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, in kwantu l-esponent ma għandux responsabilta' għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti;*

*2. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, jekk r-rikorrent sofra xi danni, kien huwa stess il-kawża ta' l-istess danni kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-procceduri;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jispetta lir-rikorrent li jġib prova li fil-fatt dannu, l-entita' tad-dannu li sofra u l-kawża prossima ta' tali dannu, liema prova hija mankanti kif ser jiġi ppruvat fl-mori ta' dawn il-proċeduri."*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet,

Rat ir-rapporti tal-esperti nkargati minnha u ċioe' d-*dental and implant surgeon* Dr Nicholas Busuttil Dougall u l-psikjatra Dr Joseph Spiteri.

[1] Fol 24

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża odjerna skattat minn episodju li seħħ fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013 meta waqt festa ta' lejlet l-ewwel tas-sena ġewwa Castello dei Baroni, l-Wardija, l-attur jallega li ġie msawwat u aggredit mill-konvenut bil-konsegwenza li sofra ġrieħi gravi f'ħalqu u snienu kif ukoll danni psikoloġiċi. L-istess attur jgħid li huwa għadu jirċievi trattament għad-danni li sofra u għaldaqstant qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex mhux biss tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għad-danni kawżati iżda wkoll tillikwida u tordna l-ħlas tad-danni subiti.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jirrespinġi l-pretensjonijiet tal-attur u jargumenta li huwa ma jaħtix għad-danni allegatament sofferti minnu u fi kwalunkwe każ, jekk dan seħħ, kien l-istess attur li kkawżahom. Inoltre, l-attur irid jipprova l-entita' tad-danni pretiżi minnu u l-kawża prossima ta' tali danni.

**A. <u>Dinamika tal-ġlieda bejn il-partijiet u responsabilta' għal dan l-inċident</u>**

Dwar is-*sequence of events* li wasslu għall-inċident in kwistjoni, mill-atti jirriżulta li -

**1. L-attur Rhys Ellul Sullivan** xehed[2] li fil-31 ta' Diċembru 2012 huwa flimkien ma' sieħbu Ryan Ellul marru riċeviment ta' lejlet l-ewwel tas-sena ġewwa Castello dei Baroni, il-Wardija. F'dik l-epoka huwa kellu sittax -il sena. Għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu u ċioe' wara li kienet bdiet l-ewwel tas-sena 2013 huwa mar fil-kmamar tal-banju tal-irġiel fejn kif kien qiegħed f'waħda mill-kmamar huwa sema' ħafna taħbit mal-bibien u għajat, inkluż wara l-bieb tiegħu. Huwa fetaħ il-bieb u sab ma' wiċċu tlett subien li bdew jgħajjruh u joffenduh u jgħidulu ħafna kliem baxx. Minn dan il-grupp ta' subien dak iż-żmien kien jaf lil wieħed biss, Daniel Pace. Minnufih Pace imbuttah u l-attur żammu b'idejh u f'dak il-ħin, ieħor minn dawn it-tlett subien, li wara rriżulta li kien il-konvenut Zachary Vella, tah daqqa ta' ponn f'ħalqu. L-attur waqa' ma' l-art u kif ipprova jerġa jqum, il-konvenut reġa' tah daqqa ta' ponn oħra f'ħalqu. Huwa reġa' waqa ma' l-art bid-daqqa u l-konvenut u sħabu ħallewh mixħut ma' l-art, telqu 'l hemm u huwa ma rahomx aktar. B'riżultat tad-daqqtejn li qala' f'ħalqu, inqalgħetlu sinna filwaqt li ħass ħafna uġigħ ukoll f'sinna oħra li kienet tinħass imdendla.

Eżatt qabel ma qala l-aħħar daqqa ta' ponn, daħal sieħbu Ryan Ellul li għenu jqum fuq saqajh u ħadu lura d-dar tiegħu bil-karozza tiegħu.

Dak il-lejl stess, l-attur sar jaf mingħand sieħbu li l-persuna li tatu bil-ponn kien ċertu Zachary Vella mill-Mellieħa.

Lura d-dar l-attur għażel li ma jgħid xejn lill-ġenituri tiegħu b'dak li ġralu sabiex ma jinkwetahomx u daħal jorqod.

---

[2] Fol 34

Madankollu l-għada l-familja tiegħu indunaw li ġralu xi ħaġa għax meta ommu daħlet fil-kamra tas-sodda tiegħu biex tqajmu sabet id-demm fuq l-imħadda tiegħu. Biex ma jinkwetahiex qalilha li kien waqa iżda aktar tard matul il-jum il-ġenituri tiegħu skoprew permezz ta' l-għarus t'oħtu li fil-fatt huwa kien qala' daqqtejn ta' ponn.

L-attur ta wkoll il-verżjoni tiegħu tal-fatti f' rapport li huwa għamel mal-Pulizija[3].

In **kontro-eżami**[4] l-attur xehed li la dakinhar tar-riċeviment f'Castello dei Baroni u lanqas qabel ma kellu argumenti qabel mat-tlett subien li huwa semma fl-affidavit. Kien jaf biss *di vista* lil wieħed minnhom l-iskola bl-isem ta' Daniel Pace iżda qatt ma kellu argumenti miegħu qabel. L-attur insista li qala d-daqqtejn ta' ponn għal xejn b'xejn. Qal li huwa kien għall-affari tiegħu u sabhom ma wiċċu malli fetaħ il-bieb tat-toilet u kien ser imur ħdejn is-sink. Ma jafx għalfejn dawn it-tlett ġuvintur kellhom xi jgħidu miegħu u lanqas jaf li sħabu li kienu fir-riċeviment kellhom xi jgħidu magħhom.

**2. Xehed Ryan Ellul, ħabib ta' l-attur**[5] li qal li għal lejliet l-ewwel tas-sena 2013 hu u l-attur kienu ftehmu li jmorru riċeviment flimkien ma' xi ħbieb ġewwa Castello dei Baroni, Wardija. Ix-xhud għadda għall-attur bil-karozza tiegħu u waslu l-Wardija għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs ta' filgħaxija. Kien hemm ħafna nies u kien hemm mumenti meta x-xhud qagħad ma' l-attur u mumenti oħrajn fejn kien ma' ħbieb oħra tiegħu.

---

[3] Fol 108. Skont ix-xhieda fosthom Pulizija li xehdu fil-każ l-attur dam tlett ġimgħat biex għamel ir-rapport imsemmi għax kien qed jibża li min tah id-daqqa jsir jaf u jerġa jmur iħebb għalih.
[4] Fol 136 et seq
[5] Fol 68

F'mument minnhom ix-xhud ħtieġlu jmur it-toilet u kif wasal quddiem it-toilets, fl-entratura ra konfużjoni, qisu geġwigija u nduna li kien hemm ġlieda. Seta' jara ġuvni u tlett ġuvintur madwaru u lil wieħed minn dawk il-ġuvintur rah jagħti daqqa ta' ponn lill-attur. Sakemm avviċina aktar huwa ma kienx għadu għaraf li kien involut Rhys. Malli waqfu u telqu 'l barra x-xhud induna li l-ġuvni ma' l-art kien Rhys b'wiċċu kollu demm. L-attur bedu jokrob bl-uġiegħ fi snienu. Ix-xhud induna li l-attur kellu sinna nieqsa imma kellu wkoll ħafna demm. Wara ra wkoll li kellu sinna oħra mdendla. Dak il-ħin ix-xhud insista li jmorru lura d-dar u hekk għamlu, kif ried l-attur ukoll. Ix-xhud m'għarafx lit-tlett persuni li daru għal Rhys fil-ġlieda għax ma kienx jafhom, iżda jekk ikollu quddiemu lil min tah id-daqqa f'wiċċu jgħarfu.

In **kontro-eżami**[6] x-xhud speċifika li l-ġlieda kienet qrib l-entratura tat-toilets. Huwa ma kienx ra lill-attur jixrob alkoħol waqt ir-riċeviment ħlief ilma. U lanqas aktar kmieni dakinhar wara nofsinhar meta kienu flimkien ma kienu xorbu alkoħol.

3. Xehed **il-konvenut Zachary Vella**[7] li qal li l-inċident seħħ għal ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu u hu kien wasal f'Castello dei Baroni għal ħabta ta' nofs il-lejl. Fl-epoka tal-inċident kellu 19 -il sena. Huwa kien mar għar-riċeviment imsemmi flimkien ma' sħabu u kienu xi għaxra b'kollox. Fil-ħin tal-inċident ħdejh kien hemm Jean Luke Portelli, Kim Camenzuli, Luke Muscat u persuna oħra bl-isem ta' Leah. Qal li Rhys kien qed jargumenta ma' grupp ta' sħabu. L-attur kien siker u kien qiegħed jistieden lil kulħadd għal ġlied. Il-konvenut qal li lill-attur ma kienx jafu qabel u rah l-ewwel darba dakinhar tal-inċident. Dakinhar waqt ir-riċeviment l-attur ma kienx kellmu lill-konvenut.

[6] Fol 151
[7] Fol 105 et seq

Il-konvenut qal li waqt li kienu barra fil-ġnien maġenb il-gazebo li hemm f'dan il-post, l-attur kien qiegħed jargumenta ma' Daniel Pace li kien mar biex jikkalmah. Pace kien jaf lill-attur għax kienu jmorru fl-istess skola u anke l-konvenut jaf lil Pace. Meta Daniel Pace intervjena biex jikkalma lill-attur, dan ta' l-aħħar imbuttah u tah daqqiet ta' ponn u daqqiet ta' sieq kif ukoll imbuttah għal ġo kaktus. Daniel ma setax iqum u l-attur reġa dar għal fuqu. Il-konvenut jgħid li qam minn fejn kien u għajjat lil Rhys biex ma jkomplix għaddej. Il-konvenut insista li la pprovoka lill-attur u lanqas kellmu ħażin. Hu jgħid li l-attur dar għal fuqu u beda jidgħi. Qallu "Taf min jiena? Ser noqtlok." Il-konvenut jgħid li l-attur ħebb għalih u ġie bil-ponn. Kompla jixhed li qabel ma pprova jfajjarlu d-daqqa lill-konvenut, l-istess konvenut tah daqqa ta' ponn. Bid-daqqa ta' ponn li tah il-konvenut, l-attur spiċċa fl-art u reġa' qam. Kien ser jerġa jmur jiġġieled mal-konvenut iżda hu mbuttah in-naħa ta' sħabu.

Skont il-konvenut kien hemm madwar tletin ruħ li raw dan kollu. Mistoqsi mill-Qorti jgħid x' inhi r-raġuni li ta daqqa ta' ponn lill-attur, il-konvenut wieġeb illi li kieku ma tahx daqqa hu l-ewwel ma jafx x' kien ser jagħmillu l-konvenut. Il-konvenut ftakar li d-daqqa ta' ponn lill-attur tahielu f' wiċċ iżda ma jafx fejn laqtu. Meta l-attur ipprova jqum mil-art għall-konvenut ma kien hemm xejn ovvju li kien għamillu xi ħsara u lanqas demm ma ra.

Il-konvenut qal li meta mbagħad huwa waddab lill-attur lura huwa telaq il-barra għax ma riedx inkwiet. Ċempel għal taxi u telaq 'l hemm.  Tnejn minn sħabu marru miegħu għax huma ġirien tiegħu u l-oħrajn baqgħu hemm. Il-konvenut żied jgħid li wara li hu kien ċempel għal taxi, Ryhs reġa' mar jikkonfrontah biex jaqla' l-inkwiet u semgħu iċempel lil sħabu li kienu f'riċeviment ieħor u beda jgħidilhom biex jitilgħu Castello Dei Baroni biex jagħmlu għalih.

Il-konvenut ma jafx jekk lil Pulizija kienx qalilhom li waqt li kien qed jistenna lil tat-taxi, Ryhs reġa' mar barra ifittex il-ġlied. Kien hemm xi tlieta jew erba' *bouncers* dakinhar imma dawn kienu fl-entratura ta' Castello Dei Baroni u ma marx jgħidilhom għax kienu l-bogħod.

Il-konvenut kien jipprattika sports fosthom futbol u għal madwar erba' xhur ir-rugby wkoll.

Fl-istqarrija li l-konvenut ta lill-pulizija fl-24 ta' Jannar 2013[8] huwa nsista li ta d-daqqa ta' ponn lill-attur bħala *self-defence* għax l-attur kien mar biex jheddu u mar biex jattakkah.

Fix-xhieda li l-konvenut odjern ta fil-proċeduri kriminali li kienu tmexxew kontrih[9] qal li għalkemm kien jaf li kien hemm toilet fiż-żona viċin fejn kienu huma u toilet ieħor fis-sala prinċipali huwa ma daħal f'ebda wieħed minnhom dakinhar għax attenda r-riċeviment biss għal xi siegħa.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi mument li ħass li flok imur jagħti daqqa ta' ponn lill-attur huwa kellu jitlob l-għajnuna tal-persuni tas-sigurta' huwa qal li le għax kienu fil-ġnien fuq in-naħa ta' wara u l-attur kien qiegħed jibblukkah.

La l-konvenut u lanqas sieħbu Daniel Pace ma għamlu rapport lill-Pulizija dwar l-inċident.

[8] Fol 110 et seq
[9] Fol 233 et seq

4. **Xehed Daniel Pace** li huwa ħabib tal-konvenut iżda jaf ukoll lill-attur[10]. Qal li lejlet l-ewwel tas-sena 2013 meta kien qiegħed Castello dei Baroni huwa ra lill-attur fis-sakra jiġġieled ma' xi ħames persuni (li ma jafx jekk humhiex ħbieb ta' l-attur jew le) u huwa mar ħdejh biex iwaqqfu. Qal li kkonkluda li kien fis-sakra mill-mod kif kien qiegħed jitkellem. Meta x-xhud ipprova jwaqqfu l-attur mar għalih, kellmu ħażin u mbuttah ġo pjanta tal-kaktus. Dak il-ħin il-konvenut (li ma kienx flimkien max-xhud fir-riċeviment) mar biex iwaqqaf lill-attur milli jkompli jagħmel ħsara lix-xhud. Huwa qal li ra lill-attur u lill-konvenut jimbuttaw lil xulxin. Imbagħad il-konvenut ta daqqa ta' ponn lill-attur. Wara l-konvenut telaq 'il barra anke Rhys ħareġ u x-xhud jgħid li ra lill-attur jgħajjat mal-konvenut iżda f'dak l-istadju ma reġax kien hemm kuntatt fiżiku bejniethom. Ix-xhud qal ukoll li l-għada tal-inċident huwa mar il-policlinic biex jiddewwa minħabba l-waqgħa fil-kaktus.

Mix-xhieda tiegħu esibita in atti li ta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri kriminali li saru kontra l-konvenut[11], Pace qal li qabel dakinhar qatt ma kellu xi jgħid mal-attur. Huwa qal li daħal fit-toilets biss wara l-inċident ma flimkien ma' persuna oħra biex ineħħi x-xewk minn fuqu u hemmhekk ma rahx lill-attur.

5. Ġiet esibita wkoll ix-xhieda mill-atti tal-proċeduri kriminali kontra l-konvenut ta' xi persuni oħra li kienu preżenti għar-riċeviment u li taw il-verżjoni tagħhom tal-akkadut. Dawn kienu Luke Falzon[12], Gianluke Portelli[13].

Mill-provi mressqa jidher ċar li l-partijiet ressqu verżjonijiet kontrastanti ferm dwar id-dinamika tal-iskontru li seħħ bejniethom. Dan il-fatt waħdu pero'

---

[10] Fol 217 et seq
[11] Fol 239 et seq
[12] Fol 245 et seq
[13] Fol 257 et seq

m'għandux ikun ta' xkiel biex il-Qorti tasal għal konklużjonijiet tagħha fil-każ odjern.

Kif ingħad fil-kaz **Pickless Limited (C-11535) vs Saviour Farrugia et**[14] deċiż fl-20 ta' Jannar 2016 -

*"Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiemha, u ċioe':*

*1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur."*

Inoltre jiġi sottolineat li għalkemm fil-proċeduri odjerni l-konvenut ressaq numru akbar ta' xhieda biex jikkoroboraw il-verżjoni tiegħu, dan m'għandux awtomatikament jinfluwixxi fuq id-deliberazzjonijiet tal-Qorti li għandha l-ewwel u qabel kollox tħares lejn il-konsistenza u l-kredibilita' tax-xhieda mogħtija aktar milli lejn il-kwantita' ta' xhieda li jinġiebu quddiemha.

Fil-każ **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**[15] deċiż fis-26 ta' Settembru 2013 intqal hekk -

*"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-*

[14] Rik Nru 445/2007 Prim Awla tal-Qorti Civili
[15] Cit Nru 2590/99 Prim Awla tal-Qorti Civili

*oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;"*

Ferm il-premess il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Jirriżulta paċifiku mill-provi li matul ir-riċeviment ta' lejlet l-ewwel tas-sena 2013 ġewwa Castello dei Baroni, seħħ skontru fiżiku u vjolenti li fih il-konvenut ta bil-ponn lill-attur f'wiċċu u f'ħalqu bil-konsegwenza li kkawżalu danni li l-Qorti ser telabora dwarhom aktar 'il quddiem. L-attur jgħid li l-konvenut tah żewġ daqqiet ta' ponn f'aggressjoni fuq il-persuna tiegħu li ma kinitx provokata minnu filwaqt li l-konvenut jammetti biss li tah daqqa waħda bil-ponn sabiex jiddefendi lilu nnifsu u dan biex jevita l-aggressjoni li huwa antiċipa li ser isseħħ fuqu mill-attur meta kien affrontah biex ma jkomplix iweġġa lil terza persuna bl-isem ta' Daniel Pace;

2. Huwa paċifiku wkoll li l-partijiet fil-kawża ma kinux jafu lil xulxin qabel ma seħħ l-inċident mertu tal-kawża odjerna;

3. Il-kwistjoni kruċjali li tħoll u torbot għal fini ta' responsabilta' sal-grad rikjest mill-liġi ċivili hija li jiġi stabbilit jekk id-dannu subit mill-attur kienx kawżat minn aggressjoni mill-konvenut mingħajr ebda provokazzjoni kif allegat mill-istess attur, jew jekk kienx l-attur stess li kkontribwixxa għal jew addirittura

pprovoka l-inċident fejn il-konvenut, kif allegat minnu, fid-dawl tal-minaċċja ta' aggressjoni mill-attur fil-konfront tiegħu tah bil-ponn biex jiddefendi lilu nnifsu;

4. Il-Qorti wara li għarblet il-provi mressqa tinnota li għalkemm skjetta, diretta u konċiża l-verżjoni tal-attur dwar id-dinamika tal-inċident baqgħet konsistenti kemm fil-provi mressqa minnu fil-kawża odjerna u anke fix-xhieda li ta kif riportata mill-Qrati ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri li tmexxew kontra l-konvenut odjern dwar l-inċident in kwistjoni. Minn din il-verżjoni jirriżulta li kien l-attur li ġie provokat mill-konvenut u sħabu u addirittura safa aggredit mill-istess konvenut meta dan ipprova jiddefendi lilu nnifsu. Il-fatt li żviluppat sitwazzjoni ta' tlett persuni kontra wieħed tkompli tissottolinea l-vulnerabilita' u l-fraġilita' li sab ruħu fiha l-attur f'dak il-mument.

**L-uniku xhud okulari** għal din il-verżjoni tal-attur huwa Ryan Ellul li jgħid li meta avviċina t-toilets il-ġlieda kienet diġa qed isseħħ u ra biss ġuvni ċirkondat minn tlett ġuvintur b'wieħed minnhom jagħti daqqa ta' ponn lil dan il-ġuvni li sussegwentement induna li kien l-attur.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut jattakka l-kredibilita' tax-xhieda mogħtija mill-istess Ryan Ellul[16] madankollu l-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni tal-konvenut. Minkejja xi inażettezzi żgħar bejn ix-xhieda mogħtija minnu quddiem din il-Qorti u dik ta' ġudikatura kriminali eż li darba qal li l-ġlieda seħħet ġot-toilets u darb' oħra xehed li din seħħet fl-entratura tat-toilets, pero' dawn ma jaffetwawx is-sustanza u l-qofol tax-xhieda tiegħu li meta huwa resaq qrib minn qalb in-nies li kienu nġabru huwa **ra b'għajnejh** ġuvni li kellu tlett ġuvintur oħra madwaru u li dan il-ġuvni qala daqqa ta' ponn mingħand wieħed minnhom, liema ġuvni li qala' d-daqqa wara nduna li kien l-attur.

5. Minn naħa l-oħra l-Qorti ma tistax ma tinnutax li rriżultawlha diversi nkonsistenzi u diskrepanzi fil-verżjonijiet tal-fatti mogħtija mill-konvenut u mix-xhieda tiegħu fil-kawża odjerna anke meta mqabbla ma' dawk mogħtija quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema diskrepanzi fil-fehma tal-Qorti jolqtu s-sustanza u l-kredibilita' tal-verżjoni prodotta mill-istess konvenut:

i. Il-Qorti tinnota li filwaqt li fil-kawża odjerna u anke fix-xhieda tiegħu viva voce quddiem il-Qorti ta' ġudikatura kriminali l-konvenut semma diversi dettalji li fil-fehma tiegħu għandhom ipoġġu r-responabbilta' tal-ġlieda li seħħet fuq l-attur, huwa lanqas biss kien għamel aċċenn għalihom waqt l-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija tlett ġimgħat wara li seħħ l-inċident. Infatti jirriżulta li, nonostante l-fatt li qabel ma rrilaxxjaha huwa kien ikkonsulta ruħu mal-avukat ta' fiduċja tiegħu, fl-istqarrija msemmija l-konvenut -

- qatt ma qal li l-attur kien fis-sakra fil-mumenti qabel ma seħħet il-ġlieda;
- lill-pulizija qalilhom biss li ra lill-attur jiġġieled ma' ħabib tiegħu (li lanqas biss identifikah b'ismu) u ma semmiex li qabel ma seħħ dan l-attur kien qed jiġġieled ma' sħabu jew ikellimhom ħażin;
- f'ebda ħin ma semma l-isem ta' Daniel Pace jew li dan ġie msawwat u mbuttat għal ġo pjanta tal-kaktus mill-attur;
- qatt ma qal li meta huwa ħareġ barra minn Castello dei Baroni wara l-ġlieda huwa ra lill-attur odjern iċempel lil sħabu biex jiġu għalih;

Huwa sinfikanti kif meta mistoqsi quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex jispjega għalfejn naqas li jagħti dawn id-dettalji li jolqtu s-sustanza tal-każ, il-konvenut kien wieġeb biss li huwa ma qalhomx jew għax il-Pulizija ma kinux

staqsewh, jew għax probabbli nesa jew għax assuma li ma kinux dettalji mportanti[17]. Iżda l-Qorti ma ssibx dawn l-iskużi kredibbli speċjalment tenut kont tal-fatt li fl-interrogatorju l-Pulizija kienu staqsewh speċifikatament jekk xtaqx iżid xi ħaġa oħra ma dak li kien qal. Huwa wkoll stramb kif il-konvenut, f'perjodu tant qrib għall-inċident, *aktar a tempo vergine*,  nesa ċerti dettalji iżda mbagħad aktar minn sena wara quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u eventwalment anke fil-kawża odjerna huwa issa kien f'qagħda li jagħti dawn id-dettalji kollha.

ii. Diskrepanzi oħra ta' mportanza jirriżultaw ukoll mix-xhieda ta' Daniel Pace li huwa l-persuna li, skont il-verżjoni tal-konvenut kien dak li ġie msawwat mill-attur u li minħabba f'hekk intervjena hu biex jiddefendih. Quddiem din il-Qorti huwa xehed hekk dwar dak li skont il-verżjoni tiegħu seħħ wara li l-attur imbuttah għal ġol-pjanta tal-kaktus[18] -

*"Qorti : Mela l-ewwel tefgħak fil-kaktus, ġie Zach biex iżomm skont inti lil Rhys milli forsi jagħmillek xi ħaga oħra, Rhys dak il-ħin iġġieled ma' Zach..*

*Dr Galea : U rajt lil xi ħadd minnhom jagħmlu xi ħaġa?*

*Qorti : Kif? X'rajthom jagħmlu lil Zach u Rhys xħin inti kont gol-kaktus?*

*Xhud : Rajt lil Rhys u Zach pushing each other*

*Qorti : Jinbuttaw lil xulxin?*

*Xhud : Ehe mbagħad Zach after the physical contact, punched him*

*Qorti : X'għamel Zach?*

*Dr Fenech : Zach punched him, punched who?*

*Xhud : Zach punched Rhys, after Rhys was pushing him."*

[17] Fol 236 et seq
[18] Fol 220

Il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok li allura skont din il-verżjoni ta' Pace, l-attur u l-konvenut kienu diġa' ġew fl-idejn qabel ma' l-konvenut ta' daqqa ta' ponn lill-attur għax kienu qed jimbuttaw lil xulxin. Dan kuntrarjament għal dak li xehed il-konvenut li kien biss x'ħin ra lill-attur ġej għal fuqu b'idejh ponn lest biex jaggredih li l-konvenut tah hu daqqa ta' ponn l-ewwel–

*"I just kept on telling him, I kept on trying to calm him down so he wont' hit Daniel or hurt anyone, and then after that he just came towards me with a clenched fist to throw a punch, I hit him first just to stop him....[19]"*

*"Qabel ma pprova jfajjarli id-daqqa lili, jien tajtu daqqa ta' ponn...kieku ma tajtux daqqa jien l-ewwel ma nafx x'kien ser jagħmilli[20]".*

Iżda aktar minn hekk u fit-tieni lok il-Qorti hija perplessa kif dan ix-xhud Daniel Pace xehed fil-kawża odjerna dwar skontru fiżiku bejn l-attur u l-konvenut meta sentejn qabel quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali huwa kien qal li malli l-attur kien imbuttah għal ġol-pjanta tal-kaktus huwa kien ħassu ħażin għal madwar ħames minuti u minn hemm ma jafx kif żvolġa l-bqija tal-allegat inċident! -

*"Avukat: You fell into a kaktus....Mela f'dan il-mument li qed nitkellmu dwaru inti qiegħed fuq din il-kaktus plant x'ippruvajt tagħmel? Ippruvajnt tqum x'ippruvajt tagħmel?*

*Xhud: I couldn't get up.*

*Avukat: Għaliex?*

[19] Fol 235
[20] Fol 106

*Xhud: My arms did not have strength to push myself up.*

***Avukat: Sewwa u minn hemmhekk kif żvolġa l-inċident?***

***Xhud: I don't know cause I was passed out with the pain.***

***Avukat: Sewwa jiġifieri dak li ġara wara inti ma rajtux[21].***

***Xhud: Le[22].***

*(…….)*

*Avukat: Kemm domt passed away (recte: out)?*

*Xhud:* ***Around five minutes***[23]*."*

Il-Qorti għalhekk ma tistax ħlief tiddiskredita GĦAL KOLOX Il-verżjoni li ta dan ix-xhud quddiemha dwar id-dinamika tal-ġlieda bejn l-attur u l-konvenut.

Apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li parti mid-difiża tal-konvenut tiċċentra madwar dan l-episodju li fih Daniel Pace ġie msawwat u mwaddab f'din il-pjanta tal-kaktus, u filwaqt li dan ix-xhud qal li l-għada tal-inċident mar il-poliklinika tal-Gvern b'riżultat tal-uġieħ li kellu minħabba x-xewk li kellu ġo fih minn din il-pjanta *("I was in a lot of pain I had thorns in me[24]")* il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali kkonstatat mod ieħor –

*"Apparti minn hekk, Daniel Pace, li suppost ġie mbuttat go pjanta tal-kaktus, ma kellu ebda abrazjoni fuqu, la fuq idejh, jew fuq saqajh, jew fuq dahru. Hu daħal l-isptar minħabba uġigħ fil-polz tal-lemin u fid-driegħ tax-xellug."*

[21] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[22] Fol 240 et seq
[23] Fol 243
[24] Fol 241

**Konstatazzjoni f'waqta konsiderando x-xewk kollu li suppost kellu infiltrat ġo fih!**

Magħduda ma' dawn id-diskrepanzi hemm oħrajn li l-Qorti tinnota fix-xhieda mressqa mill-konvenut, li flimkien ikomplu jsaħħu l-fehma tal-Qorti li l-verżjoni tal-fatti kif rakkontata mix-xhieda mressqa mill-konvenut mhijiex veritjiera, eż Gianluke Portelli li l-ewwel xehed li l-attur *"bil-fors li kien xorob la kien qed jaġixxi b'dak il-mod*[25]*"* imbagħad ftit wara qal *"le jien ma nafx jekk kienx fis-sakra ma rajtux jixrob, rajtu dak il-ħin il-party rajtu għal ftit minuti*[26]*"*. Imbagħad f'parti oħra tax-xhieda l-istess Gianluke Portelli qal li l-attur lil Daniel Pace *"tah daqqa ta' ponn f'rasu u mbuttah ġo pjanta tax-xewk*[27]*"* u anke Luke Falzon xehed li l-attur lil Pace *"tah daqqa ta' ponn u spiċċa waddbu ġo pjanta*[28]*"* mentri fix-xhieda tiegħu fil-kawża odjerna Daniel Pace ma semmiex li qala xi daqqa jew daqqiet ta' ponn mingħand l-attur imma biss li dan ta' l-aħħar "*he was physically pushing me and then pushed me and I fell onto a kaktus*[29]*."* Hemm differenza kbira  bejn li timbotta u tagħti bil-ponn.

Finalment, meta wieħed iqis is-sekwenza sħiħa tal-fatti kif preżentati lill-Qorti minn naħa tad-difiża tal-konvenut, hija pjuttost surreali kif sitwazzjoni li l-konvenut u sħabu stess jallegaw li bdiet b'mod kompletament estraneu għalihom bl-attur allegatament jgħajjat u jiġġieled ma sħabu (li kif ammetta Daniel Pace stess *"they weren't really taking notice of him*[30]*"*) kellha twassal biex Pace iħoss dan il-bżonn impellenti li minn jeddu jiddeffes biex jaffronta lill-attur biex jgħidlu biex jieqaf biex imbagħad is-sitwazzjoni allegatament eskalat sal-punt li anke l-

[25] Fol 259
[26] Fol 264
[27] Fol 260
[28] Fol 247
[29] Fol 219
[30] Fol 240

konvenut, minn jeddu ħass ukoll dan il-bżonn impellenti li jidħol bejn Pace u l-attur bil-konsegwenzi kollha li dan l-iskontru ġab miegħu.

**Magħmulin dawn l-osservazzjonijiet kollha l-Qorti tasal għall-konklużjoni li, fuq bażi ta' probabilta', hija l-verżjoni tal-fatti kif rakkuntata mill-attur li hija kredibbli u mhux dik imressqa mill-konvenut Zachary Vella. Għalhekk huwa l-konvenut li għandu jġorr ir-responsabbilta' tal-inċident.**

Raġġunta din il-konklużjoni, u b'referenza għal xi sottomissjonijiet magħmula mill-konvenut[31], l-Qorti tissottolinea li l-kompitu tagħha fil-kawża odjerna huwa li testabilixxi d-dinamika u r-responsabbilta' għall-inċident li għandha quddiemha u mhux li tiġi nfluwenzata dwar jew tagħmel ġudizzju fuq il-karattru tal-konvenut a bażi ta' episodji li seħħew qabel u wara u li fihom seta' kien involut l-attur.

Għal fini ta' kompletezza l-Qorti tosserva wkoll li l-Qrati ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet **Pulizija vs Zachary Vella** kienu waslu għall-konklużjoni li Zachary Vella, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna ta' Rhys Ellul Sullivan. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti deċiża fis-26 ta' Jannar 2017 il-Qorti ddeliberat hekk -

*"Il-provi prodotti miż-żewġ naħat jindikaw li effettivament kien Vella li ta d-daqqa lil Ellul Sullivan. Dan mhu kontradett minn ħadd. Il-Qorti trid tara biss jekk l-inċident kienx verament ipprovokat minn Ellul Sullivan stess, jekk din id-daqqa kienetx in proporzjon ma' din il-provokazzjoni, u jekk il-ferita sofferta*

[31] Fol 432

*minnu kienetx waħda gravi jew le. Rigward in-natura tal-ferita, ma hemm l-ebda dubju li din hija waħda gravi, anke għax setgħet iġġib magħha ħsara permanenti fil-ġisem ta' Ellul Sullivan. Di fatti, anke illum erba' snin wara l-inċident, għadu ma fieqx kompletament mill-effetti ta' dak l-inċident. Rigward il-provokazzjoni o meno ta' Ellul Sullivan għall-inċident kollu, il-Qorti ma taqbel xejn mal-verżjoni mogħtija mid-difiża. Kienet verżjoni fotokopja li taw ix-xhieda tad-difiża. Apparti minn hekk, Daniel Pace, li suppost ġie mbuttat ġo pjanta tal-kaktus, ma kellu ebda abrażjoni fuqu, la fuq idejh, jew fuq saqajh, jew fuq dahru. Hu daħal l-isptar minħabba uġigħ fil-polz tal-lemin u fid-driegħ tax-xellug. Il-Qorti hija aktar propensa temmen lill-vittma f'dan il-każ. Iżda anke, għall-grazzja tal-argument, jekk jingħad li Vella kellu jintervjeni biex jiddefendi lill-habib tiegħu, huwa ovvju li l-azzjoni ta' Vella, minn wahda ta' difiża, saret waħda ta' aggressjoni, u l-effett tagħha kien lil' hinn mill-proporzjon ta' dak li seta' kien neċessarju, jekk verament Ellul Sullivan kien qed jimbotta lil xi persuni oħra, ħaġa li l-Qorti diffiċilment temmen li ġrat verament."*

Imbagħad, fil-konferma tagħha tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, fit-3 ta' Mejju 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk -

*"Jibda biex jingħad illi m'hemm l-ebda dubbju illi l-vittma sofra daqqa ta' ponn minn taht idejn l-appellant u m'hemm l-ebda dubbju lanqas li din id-daqqa ikkaġunat ħsara konsiderevoli li wasslet sabiex il-parti leża kellha tissottoponi ruħha għal diversi interventi kirurġiċi li wasslu wkoll sabiex Ellul Sullivan tilef tnejn mis-snien ta' quddiem li eventwalment ġew sostitwiti b'implants.*

*Issa fl-aggravju minnu intentat marbut mal-apprezzament tal-provi, l-appellant isostni illi it-teżi ipprospettata minnu hija korroborata minn sħabu kollha għad-differenza ta' dik miġjuba 'il quddiem mill-parti leża u il-ħabib tiegħu Ryan Ellul.*

*Dan madanakollu ma għandux ifisser illi l-Ewwel Qorti kellha awtomatikament tiskarta l-verżjoni tal-parti leża u dan kif maħsub fil-liġi stess fl-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali surriferit. Mhux biss iżda din il-Qorti hija tal-fehma illi l-verżjonijiet mogħtija mill-appellant u minn sħabu fiha diversi inkonsistenzi. Fl-ewwel lok għalkemm id-difiża tikkontendi illi l-vittma kien jidher fis-sakra u aggredixxa lil ċertu Daniel Pace, madanakollu ma tressqux provi suffiċjenti dwar l-allegat ġrieħi sofferti minnu apparti li Pace jidher li fittex l-kura biss l-għada tal-ewwel tas-sena u li allegatament ittieħdulu xi X-rays ta' idejħ. Madankollu ma inġiebet l-ebda prova dwar x'seta' kkaġuna dawn il-ġrieħi. Mhux biss iżda għalkemm dan Pace igħid illi l-parti leża beda igħajjat u jgħid kliem ta' tgħajjir madanakollu skont Pace dawn ma kenux indirizzati lejh iżda lejn grupp ta' nies li lanqas biss kienu qedgħin jagħtu każ lill-istess parti leża u kwindi din il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv ġustifikabbli li seta' wassal lil dan Pace iħoss il-ħtieġa li jindaħal sabiex irażżan lill-parti leża meta ċertament fl-istabbiliment jkun hemm nies adetti sabiex iżommu il-bwon ordni. In oltre l-istess xhud lanqas kien f'posizzjoni jikkonferma o meno l-aggressjoni li seħħet fil-konfront tal-parti leża billi jikkontendi illi huwa kien mitluf minn sensieħ għal ftit minuti u ma kienx l-appellant u sħabu li tawħ l-assistenza iżda persuna oħra. Kwindi dan ix-xhud ma jista' jitfa l-ebda dawl fuq dak li ippreċeda l-agressjoni subita mill-vittma.*

*In oltre il-bqija tax-xhieda prodotti mill-appellant ma kenux ċari dwar id-diskors li ġie indirizzat bejn l-appellant u l-parti leża qabel l-aggressjoni subita mill-vittma, liema diskors jidher li ġie skambjat f'atmosfera storbjuza u miżgħuda bin-nies li kwindi iqajjem dubbju serju dwar kemm seta' kien ċar id-diskors li sar għal widnejn dawn ix-xhieda, li kif tistqarr l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha jippreżentaw verżjoni identika dwar dak li seħħ. Ironikament ukoll, għalkemm allegatament jidher illi l-appellant erħilha lejn il-parti leża sabiex jiddefendi lil Daniel Pace mill-agressjoni subita minnu minn taħt idejn Ellul Sullivan, jidher madanakollu li la l-appellant u lanqas sħabu li xehdu f'dawn il-proċeduri ma*

*nteressaw rwieħom fil-kundizzjoni ta' Pace, kemm immedjatament wara li ġie aggredit jew f'xi ġranet wara l-inċident. Anzi jidher li l-appellant telaq jiġri minn fuq il-post malli xejjer id-daqqa ta' ponn li kkaġunat il-ġrieħi sofferti mill-vittma. Huwa kemmxejn stramb ukoll l-fatt li ħadd mix-xhieda in difeża, inkluż l-appellant, ma raw dmija f'wiċċ il-parti leża ghalkemm jidher illi l-grieħi fil-parti tal-ħalq kienu konsiderevoli bi ħsara ikkaġjonata fis-snien ta' quddiem. Illi allura huwa kemmxejn inverosimili dak li jikkontendi l-appellant illi Ellul Sullivan reġa qam għalih wara li sofra d-daqqa minn taht idejh. Din il-Qorti hija tal-fehma li d-daqqa li laqqat il-vittma u ċ-ċirkostanzi li wasslu allura għat-telf ta' sinna immedjatament u oħra li ġiet imċaqalqa minn postha indubbjament iwasslu għal telf konsiderevoli ta' demm, liema dmija kellha tkun viżibbli jekk il-parti leża reġa qam minn mal-art sabiex jerġa jħebb għall-appellant skont kif jallega hu. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kwindi din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti qabilha setgħet legalment u raġjonevolment tasal għal konklużjoni li wasslet għaliha u cioe' li tabbraċċja l-verżjoni tal-parti leża sabiex b'hekk l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud."*

**B. <u>Danni subiti mill-attur</u>**

**Fl-ewwel talba tiegħu** l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex issib lill-konvenut responsabbli għad-danni minnu sofferti. Huwa jgħid li b'riżultat tal-aggressjoni u ż-żewġ daqqiet ta' ponn li qala' f'wiċċu, huwa sofra ġrieħi ta' natura gravi f'ħalqu u fi snienu kif ukoll sofra danni psikoloġiċi li għalihom għadu sal-lum qed jirċievi trattament mediku.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Maurice Hili vs Francis Attard et deċiż 26 ta' Frar 2019** fejn ingħad hekk -

***"RESPONSABILITA'***

*Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabilita' akwiljana, l-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha. Ta' dan in-nuqqas trid tagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż.*

*Ġie affermat mill-qrati tagħna:*

*"Illi sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:*

*(1) il-fatt dannuż illeċitu;*

*(2) l-imputabbilita' tal-istess fatt għal min ikun għamlu;*

*(3) id-dannu ikkaġunat minn dan l-istess fatt u*

*(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu."*

*Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ppruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.*

*In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li "hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża." (kollez. Vol. XLIV P1 p.343).*

***(i) <u>Danni fiżiċi</u>***

Kawża tad-danni li sofra f'ħalqu u fi snienu, murija wkoll f'ritratt esibit mill-attur[32], l-għada tal-inċident il-ġenituri tal-attur ħaduh fl-emerġenza tal-isptar St James ġewwa tas-Sliema pero' ġew infurmati li ma kien hemm ebda dentist *on call* peress li kienet l-ewwel tas-sena. L-istess risposta ngħataw meta ċemplu l-isptar Mater Dei. Wara ħafna telefonati lil diversi dentisti sabu lid-**dentist Dr Christian Satariano** li aċċetta li jarah fi klinika privata fejn hemm għamillu l-interventi mediċi meħtieġa, liema nterventi kellhom ikomplu anke fil-jiem ta' wara. L-attur jgħid ukoll li għadu sa llum iħoss l-uġiegħ fi snienu u filwaqt li permezz tal-kura li rċieva mingħand dan id-dentist tilef żewġ sinniet u għamel żmien jilbes il-braces, kien kostrett ukoll jagħmel żmien bis-snien artifiċjali fil-perjodu meħtieġ sabiex ifieq il-ħanek meta dan kien minfuħ. Illum l-attur għandu żewġ sinniet implants u xi kultant ikun muġugħ bihom[33].

Dr Satariano xehed[34] li meta eżamina lill-attur l-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2013 huwa ra ferita friska f'ħalq l-attur, kellu sinna nieqsa u oħra mdaħħla 'l ġewwa. Huwa kompla jagħti dettalji tax-xogħol dentali ili għamel fi snien l-attur kawża ta' dan l-inċident. Huwa kklassifika wkoll il-ġrieħi subiti mill-attur f'ħalqu u snienu bħala ta' natura serja kemm minħabba l-effett fuq l-estetika kif ukoll minħabba l-effetti funzjonali minħabba li l-ġrieħi ħallew deformazzjoni fil-wiċċ.

Inoltre, f'rapport datat 16 ta' Settembru 2013[35] Dr Satariano ddikjara li minkejja li l-attur huwa kostrett li jieħu trattament dentali u restorattiv fuq bażi prolongata, l-implants u x-xogħlijiet kollha li qegħdin isiru f'ħalqu jistgħu biss jimitaw is-snien naturali tiegħu li sfortunatament ma setgħux jiġu salvati. Inoltre, dawn jirrikjedu livell aktar għoli ta' kura u maintenance mis-snien naturali u ma jservux daqs kemm iservu s-snien naturali. Id-dentist iddikjara wkoll li l-attur kien jurih

[32] Fol 8
[33] Affidavit tal-attur a fol 35
[34] Affidavit a fol 62
[35] Fol 15

li huwa konxju ħafna tal-mod kif inbidlet l-anatomija ta' snienu u huwa dispjaċut u nkwetat li qatt mhu ser jirnexxielu jerġa jkollu 100% id-dehra estetika ta' qabel u l-funzjoni sħiħa tas-snien li tilef.

Minn naħa tiegħu l-konvenut ressaq ix-xhieda *ex parte* tad-**dentist Prof Hector Galea**[36] li ppreżenta rapport imħejji minnu[37] wara li ġie awtorizzat b'digriet tal-Qorti li jkollu wkoll aċċess għall-file mediku tal-attur in vista tal-fatt li minnu rriżulta li circa sena qabel l-inċident in kwistjoni, l-attur kien involut f'inċident ieħor fejn waqt ġlieda huwa kien sofra ġrieħi f'wiċċu.

Prof Galea ddikjara li l-ħsara dentali li sofra l-attur fl-1 ta' Jannar 2013 hija kompatibbli ma' ħabta ma' persuna oħra, *personal collision*. Fil-fehma tiegħu daqqa ta' ħarta tikkawża wisq iktar ħsara. Huwa rrelata dwar aspetti marbuta mal-ħsara dentali li sofra l-attur fl-inċident in kwistjoni filwaqt li rrefera wkoll għal possibilta' li parti mill-ħsara fis-snien setgħet kienet diġa' preżenti kawża ta' inċident preċedenti t' aggressjoni li fih kien involut l-attur. Il-konklużjoni tiegħu kienet li s-sinna inċisiva ċentrali kienet tilfet il-vitalita' tagħha qabel l-1 ta' Jannar 2013 u xi problemi oħra li kellu fi snienu kienu kawżati minn trawmi oħrajn mhux marbuta mal-inċident mertu tal-kawża odjerna.

Wara li kien hemm ukoll qbil bejn il-partijiet[38] **il-Qorti ħatret bħala espert mediku lid-dentist Dr Nicholas Busuttil Dougall** sabiex jeħu konjizzjoni tal-file mediku tal-attur, l-atti tal-kawża, jeżamina lill-attur, jikkonstata l-kundizzjoni tas-snien u l-ħanek tiegħu u l-kawża ta' tali kundizzjoni, jikkonstata l-kawża prossima tad-danni allegatament subiti riżultat tal-inċident mertu tal-kawża u

[36] Fol 160
[37] Fol 163 et seq
[38] Fol 293

jirrelata lill-Qorti dwar l-istess danni li sofra l-attur, jekk humhiex ta' natura permanenti u jekk ikollux bżonn kura u/jew interventi mediċi fil-futur u, jekk hu l-każ, jistabilixxi l-presentaġġ ta' diżabilita' soffert minn Rhys Ellul Sullivan.

Wara numru ta' konstatazzjonijet li għamel fir-relazzjoni tiegħu[39] Dr Nicholas Busuttil Dougall wasal għas-segwenti konklużjonijiet –

*"1. There is no evidence that Rhys has or has had any history of any periodontal (gum) disease. On the contrary there is plenty of evidence (including the last visit at his general dental practitioner) that Rhys takes good care of his teeth and has normal adequate bone volume around all his natural teeth. Therefore the notion that Rhys has lost his teeth other than due to the force of the alleged trauma is not consistent with the findings of this report.*

*2. Blunt force trauma which is consistent with that of a punch was sustained by Rhys. It can be concluded that the punch (or punches) causing the trauma to the upper left central and lateral incisors came from a superior to inferior and left to right direction. (Taking the patient's perspective when describing left and right).*

*3. Coming at this angle, the bulk of the force was absorbed by the bone above the UL2 thus squeezing the tooth out. As the punch continued descending and moving to the right (centrally), it hit the crown of the UL1 thus displacing it palatally about a fulcrum (roughly mid-way up the root) and thus displacing the apex labially (towards the lips) fracturing the alveolar plate in the process.*

***<u>Nature of the Damages</u>***

[39] Fol 306 et seq

*Rhys sustained immediate loss of a lateral incisor and fracture of the alveolar bone. He subsequently lost another central incisor due to the extensive trauma sustanied."*

Dan l-espert mediku żied jgħid li dan id-dannu huwa wieħed permanenti u jikklassifika bħala ġrieħi ta' natura gravi. Apparti l-impatt ovvju estetiku marbut mat-telfien ta' żewġ sinniet ta' quddiem, hemm konsegwenzi oħra marbuta mat-taħdit u komunikazzjoni, kif ukoll problemi oħra meta jiġi biex jiġi biex jiekol speċjalment biex iqatta l-ikel. Ir-rimpjazzar tas-snien neqsin ma' *dental implants* huwa l-eqreb trattament għall-kundizzjoni naturali li seta' jsir. Madankollu dan it-trattament jeħtieġ jiġi ċċekjat u jsirulu *maintenance* minn żmien għal żmien u anke mibdul.

**Dr Busuttil Dougall ikkonkluda wkoll li peress li bis-saħħa tal-implants huwa issa għandu l-funzjoni sħiħa tas-snien u estetika adegwata ma jistax jitqies li l-attur sofra xi diżabilita' permanenti f'ħalqu u fi snienu kawża tal-inċident.** Ma' dan pero' hemm marbut prezz stante li, kif ingħad, irid isir *maintenance* kostanti tas-snien u tibdil fejn meħtieġ.

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi għall-**artikolu 681 tal-Kap 12** li jipprovdi hekk –

*"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."*

Jiġi sottolineat li l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif

ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[40] -

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

[40] Rik 988/08

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji jsegwi li għalkemm il-Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta minnha biex jeżamina materja medika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet.

Hija l-fehma tal-Qorti li ma rriżulta xejn fil-konklużjonijiet raġġunti mid-dentist inkarigat minnha Dr Nicholas Busuttil Dougall fir-relazzjoni tiegħu li jirriżultawlha bħala li mhumhiex korretti, ġusti u raġjonevoli jew li jmorru kontra l-konvinzjoni tagħha u għalhekk hija tiddeċiedi li tadotta u tagħmel tagħha tali

konklużjonijiet ħlief għall-parti tar-rapport intitolata "Costs and compensation" f'paġna 24 tar-rapport li tmur lil hinn mit-termini tal-ħatra lilu mogħtija u kwindi l-Qorti mhijiex sejra tintrabat biha fid-deliberazzjonijiet tagħha.

**Għaldaqstant il-Qorti wara li rat il-provi marbuta mad-danni fiżiċi subiti f'ħalq u fi snien l-attur u wara li adottat il-konklużjonijiet tal-espert mediku minnha nkarigat il-Qorti hija sodisfatta li dawn id-danni ġew ben pruvati.**

Għal kull buon fini l-Qorti tirrileva wkoll li mill-konklużjonijiet ta' dan l-espert inkarigat minnha ma rriżultax li xi daqqiet li l-attur allegatament qala' f'wiċċu f'Diċembru 2011 kellhom xi impatt fuq snienu u li ħallew effett fuqhom sa minn qabel ma seħħ l-inċident ta' lejlet l-ewwel tas-sena ġewwa Castello dei Baroni.

*(i)* ***<u>Danni psikoloġiċi</u>***

L-attur jgħid li t-trawma kawżata mill-aggressjoni li saret fuqu mil-konvenut affetwatu psikoloġikament b'diversi modi. Sar aktar riservat u ma jħobbx ifittex sitwazzjonijiet u postijiet fejn hemm ħafna nies. Waqaf jilgħab il-futbol bħala goal keeper għax jibża li jaqla xi daqqa fuq snienu, ma kompliex jattendi l-kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) għaliex ma jħossux komdu madwar nies ta' l-eta' tiegħu, barra mill-fatt li kien tilef ħafna ġranet tal-iskola minħabba li kellu jkun operat ta' spiss u kien ikollu ħalqu minfuħ ħafna, liema fatt tefgħu lura fix-xogħol li kellu jagħmel fl-assignments[41]. Eventwalment beda jaħdem full time mal-kumpanija ta' missieru fejn għadu sal-lum.

[41] B'referenza għall-waqfien tal-attur mill-kors tal-MCAST, il-Qorti tinnota li mix-xhieda ta' Ronald Curmi, Reġistratur ta' dan il-Kulleġġ[41] jirriżulta li l-attur kien irreġistrat għall-kors minn Settembru 2013 sa Jannar 2014 u kwindi f'perjodu <u>wara</u> li seħħ l-inċident. Għalhekk, it-teżi tal-konvenut fis-sottomissjonijiet tiegħu a fol 436 li

Xehdu wkoll familjari, ħbieb u persuni oħra mressqa mill-attur biex jikkorroboraw il-verżjoni tal-attur dwar il-kambjament fil-karattru u l-komportament tiegħu minn wara l-inċident in kwistjoni.

Inoltre, l-attur beda jattendi għall-kura b'sessjonijiet għand il-psikjatra Dr Mark Xuereb li minn naħa tiegħu permezz ta' rapport[42] u affidavit[43] ta dettalji tal-assessjar li sar minnu rigward l-istat mentali tal-attur in segwitu għal dan l-inċident u li permezz tiegħu irriżultalu li l-attur kien qiegħed ibati minn dawn il-kundizzjonijiet:

*Hypochondriachal disorder* – minħabba l-isfigurament li l-attur sofra madwar ħalqu u mnieħru l-attur għandu fissazzjoni premanenti fuq mard marbut ma' wiċċu. Inoltre, kull sintomu li jħoss f'ġismu, anke jekk żgħir, jattribwih għall-ġrajja tal-aggressjoni;

*Social Phobia* – minħabba t-trawma f'wiċċu kif ukoll is-snien foloz u l-wires fil-ħalq, l-attur tant sar konxju li jaħseb li n-nies jiffukaw fuq wiċċu. Allura jevita kemm jista' jkun li jagħmilha man-nies u dan għandu mpatt fuq l-iżvilupp soċjali tiegħu bħala żagħżugħ;

*Post traumatic stress disorder* – l-attur baqa' mwaħħal ma' l-aggressjoni li sofra ġewwa Castello dei Baroni. Mhux biss jaħseb kontinwament fuq dak li għadda minnu imma anke meta joħroġ ma' missieru ikun *on guard* li ma jkunx hemm l-

l-attur sa minn qabel l-inċident kien diġa falla numru ta' lezzjonijiet u kien ilu li ddeċieda li jieqaf mill-kors ma tistax tkun veritjiera

[42] Fol 9 et seq

[43] Fol 60 et seq

aggressuri jew nies li jixbħuhom u jevita postijiet ta' divertiment għax jibża li jiltaqa' magħhom;

*Adjustment disorder* – Minħabba dan l-avveniment l-attur kellu jadatta ħajtu għas-sitwazzjoni. Huwa għadu mimli biża' u ma jistax jimxi 'l quddiem.

Dr Xuereb żied jgħid li tendenzjalment dawn id-dijanjosi huma *lifelong* bil-konsegwenza li l-attur ikollu bżonn kura u terapija għal ħajtu kollha. Inoltre dawn id-dijanjosi jaggravaw fuq u jinfluwenzaw lil xulxin u *prognosis* tad-dijanjosi ndividwali mhix tajba.

Il-psikjatra kkonkluda li b'riżultat tal-inċident li kellu mal-konvenut, l-attur sofra diżabilita' permanenti ta' 30%.

Huwa wieġeb ukoll għal domandi li sarulu in eskussjoni[44]. Xehed li huwa kien iltaqa mal-attur l-ewwel darba fl-ewwel ġranet ta' Jannar 2013 u kien ikollu sessjonijiet mal-attur circa darba kull erba' jew sitt ġimgħat. Kellu aċċess għal u kien ra l-file mediku tal-isptar rigwardanti l-attur. Spjega wkoll li fir-rapport tiegħu m'għamilx referenza għal ċerti fatturi anteċedenti għall-każ odjern senjatament l-inċident li kellu fl-2011[45] u l-kundizzjoni li kellu sa mit-twelid u l-kura li jieħu għaliha għax mis-sessjonijiet ta' terapija li kellu mal-attur, għalkemm dawn il-fatturi kienu ssemmew, ma rriżultawlux li kienu kkontribwew għall-istat mentali li fih spiċċa l-attur kawża tal-inċident li kellu mal-konvenut ġewwa Castello dei Baroni. Huwa kompla jispjega li l-persentaġġ ta' diżabilita' tal-attur li wasal għalih fir-rapport tiegħu kien relatat biss mal-esposidju ta' lejlet l-ewwel tas-sena 2013.

[44] Fol 174 et seq

[45] Rapport tal-Pulizija a fol 82 li fih ingħad li l-attur kien involut fi ġlieda u qala' daqqiet f'diversi partijiet ta' ġismu fosthom f'wiċċu

Il-Qorti nkarigat lill-psikjatra Dr Joseph Spiteri bħala espert tagħha sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-mertu tal-każ. Fir-rapport redatt minnu huwa fost aspetti oħra rrelata dwar is-sintomi psikjatriċi li għalih dehru evidenti fl-attur wara l-inċident mertu tal-kawża odjerna –

*".....Rhys jirraporta li jħossu magħluq fih innifsu, jistħi iżjed mis-soltu u kien ikollu biża' ta' sikwit li dak li ġralu jista' jerġa jiġrilu. L-irqad tiegħu ġie affettwat u ta' spiss kien jew ma jorqodx jew iqum b'ħasda wara li jkun qed joħlom fuq dak li ġralu (nightmares).*

*Huwa kien ikollu ħsibijiet kontinwi fil-waqt li kellu dispjaċir kbir fuq dak li ġralu (guilty feelings). Huwa jgħid ukoll li kien qed isir sensittiv u jaħseb li kulħadd irid jagħmillu l-ħsara (paranoid). Is-Sur Ellul Sullivan jirraporta wkoll li kien hemm żmien li tant kien imdejjaq li kien jaħseb li l-ħajja tiegħu aħjar tintemm."*

Id-dijanjosi li wasal għaliha l-psikjatra espert tal-Qorti mill-istorja tal-attur flimkien mal-eżami tal-istat mentali tiegħu huwa li l-attur qiegħed ibati minn 'post traumatic stress disorder' u dipressjoni moderata. Dr Spiteri kkonstata li fil-fatt l-attur kien qed jieħu kura għal dawn il-kundizzjonijiet kemm bil-pilloli tad-depression (Cymbalta) kif ukoll għajnuna psikoloġika billi jattendi għal kura għand il-psikjatra tiegħu. Għal dan l-espert tal-Qorti, jidher ukoll li l-kundizzjonijiet imsemmija żviluppaw wara l-inċident imsemmi.

**Il-konklużjoni ta' Dr Joseph Spiteri fir-rapport tiegħu kienet li l-kundizzjonijiet li żviluppa l-attur u li huma riżultat tal-inċident li seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 jammontaw għal 24%. Dan l-ammont jista' jitqies bħala wieħed permanenti peress li l-inċident ilu aktar minn sentejn li seħħ.**

Dr Spiteri wieġeb ukoll domandi in eskussjoni[46] fejn qal li l-attur tkellem ħafna miegħu u hija ħasra li huwa kien kostrett jagħtih persentaġġ ta' diżabilita' skont il-parametri ta' dak stabbilit fil-kotba għax għalih probabbli għandu diżabbilta' akbar. Mistoqsi dwar l-effett psikoloġiku li jista' għandha fuqu l-kundizzjoni medika li l-attur għandu sa mit-twelid u x'persentaġġ ta' diżabilita' kien jagħtih dwarha Dr Spiteri wieġeb li skont il-kotba din kienet taqa' taħt it-2%. Imma dan il-persentaġġ mhuwhiex inkluż fir-rapport tiegħu.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar id-danni psikoloġiċi -

i. Għall-istess raġunijiet indikati fil-ġurispridenza in materja suċċitata hija ser tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjoniijiet tar-rapport tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri. **Tikkonkludi għalhekk li b'effett tal-inċident ta' lejlet l-ewwel tas-sena 2013 ġewwa Castello dei Baroni l-attur sofra diżabilita' psikoloġika permanenti fil-grad ta' 24%;**

ii. L-attur u x-xhieda minnu mressqa jagħtu diversi eżempji tal-effetti psikoloġiċi li l-inċident odjern allegatament kellu fuq l-attur. Kemm ġenituri u familjari oħra u anke ħbieb ta' l-attur xehdu partikolarment li l-attur inqata' aktar waħdu u ma' baqax joħroġ ma' sħabu bħal qabel[47], sar aktar kwiet u daħal f'qoxortu u sar jippreferi tip ta' ħruġ ieħor bħal jiekol f'xi ristorant ma' sħabu jew jilgħab il-

[46] Fol 389
[47] Affidavit ta' Ryan Ellul a fol 68

playstation[48], kien jibża li jiġi ridikolat minħabba dak li ġralu[49] u jibża minn dellu[50] fost oħrajn.

Il-konvenut minn naħa tiegħu jargumenta li[51] sa minn qabel l-inċident l-attur diġa' kien milqut minn effetti psikjatriċi minħabba l-inċident tal-ġlieda preċedenti tal-2011 u l-kundizzjoni medika li kellu l-attur sa minn twelidu. Inoltre, l-konvenut jirreferi għall-fatt li kemm il-psikjatra Dr Mark Xuereb u anke l-psikjtra Dr Joseph Spiteri jiddeskrivu lill-attur bħala persuna li għandu *character traits* ta' mistħija u li hu introvert.

Madankollu, fil-fehma tal-Qorti dawn l-argumenti tal-konvenut ma jnaqqsu xejn mill-impatt psikoloġiku li l-inċident ta' lejlet l-ewwel tas-sena 2013 kellu fuq l-attur. Dan għaliex kif ikkonstataw il-psikjatri msemmija stess, anke jekk l-attur kellu predispożizzjoni karatterjali li setgħet kienet affetwata minn ċirkustanzi anteċedenti għall-akkadut mertu tal-kawża odjerna, ġie stabbilit illi li kieku ma seħħx l-inċident ta' Castello dei Baroni - u li fi kliem Dr Joseph Spiteri kellu effett "katastrofiku[52]" fuq l-attur - id-diżabilita' permanenti mill-lat psikoloġiku fuq l-attur kienet tkun ferm u ferm inqas. Kwindi, kif sottolineat mill-istess psikjatri fix-xhieda tagħhom, il-persentaġġ ta' diżabilita' psikoloġika mogħtija minnhom lill-attur kienet riferibbli biss għall-inċident mertu tal-kawża odjerna.

Ingħad hekk fil-każ **Romina Fenech Massa vs Carmelo Desira deċiż fl-20 ta' Ġunju 2018** –

[48] Affidavit Neil Grech a fol 69
[49] Affidavit Carmen Ellul Sullivan a fol 72
[50] Affidavit Andrew Ellul Sullivan a fol 66
[51] Fol 433 et seq
[52] Fol 392

*"Il-Qorti evalwat fil-fond il-provi li tressqu quddiemha, mhux l-anqas minħabba li temmen fis-sħiħ li dak kollu li ġara bejn il-partijiet wassal biex anki jekk l-attriċi kellha problemi psikoloġiċi minn qabel seħħew l-episodji mertu tal-kawża, dawn il-problemi intensifikaw bil-fastidju sesswali da parti tal-konvenut. Il-Qorti qed tgħid dan minħabba f'dak li xehdu kemm il-psikjatra kuranti tal-attriċi Dr Mark Xuereb kif ukoll l-espert mediku Dr Etienne Muscat maħtur mill-Qorti stess, li t-tnejn qablu li l-attriċi qiegħda ssofri minn kundizzjoni post-trawmatika kawża ta' dak kollu li għaddiet minnu minħabba l-aġir tal-konvenut.*

*Il-Qorti tqis illi hemm ness kawżattiv bejn l-għemil doluż tal-konvenut u l-ħsara psikoloġika li sofriet u li għadha qiegħda ssofri l-attriċi, liema ħsara kkawżatilha debilità permanenti kif ikkonfermat kemm mill-psikjatra Dr Mark Xuereb, kif ukoll mill-espert mediku maħtur mill-Qorti Dr Etienne Muscat li wasal għall-konklużjoni li l-attriċi qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%) konsegwenza tal-molestji sesswali da parti tal-konvenut. Huwa ċar li mingħajr l-istressors riżultanti mill-imġiba tal-konvenut, l-attriċi ma kinitx issofri din id-debilità permanenti, u din il-Qorti tinsab moralment konvinta li kieku ma kienx għall-imġiba tal-konvenut li baqa' jippersisti bl-avvanzi tiegħu anki meta l-attriċi wrietu li ma kinitx qiegħda tkompli miegħu jew li dawn l-avvanzi ma kinux mixtieqa, l-attriċi ma kinitx tispiċċa fis-sitwazzjoni psikoloġika li spiċċat fiha. Huwa minnu li kif xehed il-psikjatra Dr Mark Xuereb, l-attriċi setgħet kienet suxxettibbli jew predisposta għal problemi psikjatriċi minħabba problemi oħra li kellha f'ħajjitha, iżda huwa ċar ukoll li t-trawma u l-effetti psikoloġiċi fuq l-attriċi intensifikaw wara li għaddiet mill-episodji ta' fastidju da parti tal-konvenut, liema avvanzi hi ma felħitx tiġġieled biex twaqqafhom.*

*In linea ta' prinċipju intqal diversi drabi mill-Qrati tagħna li:*

*"Hu imprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża."*

iii. Hija l-fehma tal-Qorti li fid-dawl tal-provi mressqa quddiemha fil-każ odjern ġie pruvat in-ness ta' kawżalita' bejn l-event dannuż li għalih instab responsabbli l-konvenut u l-effett dannuż minnu kawżat li rriżulta f'kosegwenzi psikoloġiċi sofferti mill-attur.

**Għaldaqstant l-ewwel talba tal-attur sejra tiġi milqugħa u l-konvenut huwa meqjus responsabbli li kkawża lill-attur kemm danni fiżiċi u anke danni psikoloġiċi.**

## Ċ. <u>Likwidazzjoni u ħlas ta' danni</u>

**Fit-tieni u t-tielet talba tiegħu** l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mingħand il-konvenut.

*"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta'*

*qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:*

*(.....)*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fil-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob kemm danni attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Huwa ressaq prospett tad-danni għal dan il-għan[53].

***Damnum Emergens***

It-talba tal-attur għall-ħlas ta' danni attwalment sofferti minnu tlaħħaq is-somma totali ta' €14,770 li tikkonsisti fi spejjeż ta' natura medika u legali. Il-ħlasijiet mitluba huma maqsuma hekk -

a) **<u>Ħlasijiet għal servizzi mediċi li ngħataw lill-attur mid-dentist Dr Christian Satariano</u>** <u>fis-somma ta' €9820.00</u>[54]

Analizzati d-dokumenti annessi in sostenn ta' din it-talba l-Qorti tinnota li d-dokument A (i) fl-ammont ta' €3,670 u datat l-1 ta' Jannar 2013 huwa biss **stima tal-ispejjeż** li d-dentist ta fir-rigward ta' trattament li kien ser ikun meħtieġ għall-kura tas-snien ta' l-attur, liema stima ma kinitx tinkludi trattamenti oħra li setgħu

[53] Fol 37 et seq
[54] Fol 38 et seq

jirriżultaw meħtieġa maż-żmien.

Fl-atti ġew ukoll esibiti s-segwenti fatturi għal ħlasijiet li saru mill-attur -

9 ta' Jannar 2013 għas-somma ta' €600 bħala ħlas għal emergency dental treatment

3 t'April 2014 għas-somma ta' €1,000 *on account* għal *implant treatment*

29 t'April 2014 għas-somma ta' €2,600 għal dental implant restoration

28 ta' Novembru 2013 għas-somma ta' €1,950 għal *implant surgery x2 & bone graft*

It-total ta' dawn l-invoices huwa ta' €6,150.

**Il-Qorti tqis li hija biss din is-somma ta' €6,150 li għandha tkun likwidata a favur l-attur għal ħlasijiet attwali li l-attur għamel lid-dentist Dr Satariano għat-trattamenti li rċieva mingħandu.**

**b) Ħlasijiet għal servizzi mediċi li ngħataw lill-attur mill-psikjatra Dr Mark Xuereb** fis-somma ta' €4950.00[55]

Dawn l-ispejjeż huma maqsumin hekk –

[55] Fol 41 et seq

Fattura datata 4 ta' Jannar 2013 permezz ta' liema Dr Xuereb indika s-somma ta' €4,200 għal *medical fees, assessments + reviews, liason with professionals u typing reports & correction*

Fattura datata 6 ta' Mejju 2014 għas-somma ta' €750 li tkopri *assessments, report writing, corrections u taking oath for report*

Fl-affidavit tiegħu Dr Xuereb qal li peress li t-tobba huma eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq servizzi reżi minnhom, il-fatturi minnu maħruġa m'għandhomx din it-taxxa nkluża[56].

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Dr Xuereb xehed[57] li l-fattura tal-4 ta' Jannar 2013 hija stima ta' l-ispejjeż tiegħu fejn huwa jagħti pronjosi ta' kemm ser ikollu bżonn assessments, nies li li jkollu bżonn jara, typing, editing eċċ u jista' jinkludi long term follow up tal-persuna. Imbagħad dwar il-kont fl-ammont ta' €750 Dr Xuereb qal li mingħalih parti minnu kien imħallas. Xehed ukoll li l-attur kien imur għandu circa darba kull erba' jew sitt ġimgħat.

Fid-dawl ta' dawn il-provi mressqa l-Qorti ma ngħatatx is-sodisfazzjon meħtieġ li jikkonvinċiha sabiex takkorda s-somma kollha mitluba mill-attur anke fid-dawl tal-fatt li Dr Xuereb baqa' qatt ma esibixxa rendikont tal-ħlasijiet attwali li huwa kien irċieva mingħand l-attur. Inoltre l-Qorti tinnota li hemm overlap ta' xi items fiż-żewġ invoices esibiti bħal assessments u l-kitba tar-rapport.

**Wara li ħadet in konsiderazzjoni s-suespost il-Qorti sejra takkorda biss parti mis-somma mitluba u dan fl-ammont ta' €2,000 li għandha titqies li tkopri s-servizzi mogħtija lill-attur mingħand Dr Xuereb.**

56 Fol 61
57 Fol 175

ċ) **Ħlasijiet għal servizzi legali fis-somma totali ta' €5120.00**[58]

Ġew esebiti s-segwenti riċevuti:

Riċevuta datata 6 ta' Ġunju 2013 maħruġa minn Dr E. Mallia & Associates għas-somma ta' €2,000

4 riċevuti datati 28 t'April 2014, 7 t'April 2014, 21 ta' Mejju 2014 u 23 ta' Ġunju 2014 maħruġa minn Dr Joseph Giglio għas-somom rispettivi ta' €200, €200, €70 u €500

Riċevuta datata 20 t'Awissu 2014 għas-somma ta' €2,000 maħruġa minn Dr Peter Fenech

Riċevuta oħra datata 30 ta' Lulju 2014 għal servizzi ta' prokuratur legali fl-ammont ta' €150

Il-Qorti tinnota li dawn il-ħlasijiet huma kollha maħruġa għal servizzi legali u ġudizzjarji mogħtija fil-perjodu li fih l-attur kien involut fil-proċeduri odjerni jew bħala parte civile fil-proċeduri kriminali li kienu tmexxew mill-Pulizija fil-konfront ta' Zachary Vella. Tinnota wkoll li l-irċevuti kollha ħlief waħda huma kollha maħruġin lill-attur jew lil missieru Andrew Ellul Sulivan f'isem l-attur. Madankollu l-irċevuta datata 6 ta' Ġunju 2013 għas-somma €2,000 maħruġa minn Dr E. Mallia & Associates tgħajjat biss lil missier l-attur u tirreferi għal proċeduri legali. Il-konvenut tramite d-difensur tiegħu jargumenta kemm fin-

[58] Fol 43 et seq

Nota ta' Sottomissjonijiet u anke waqt it-trattazzjoni li l-uffiċċju ta' Dr Mallia qatt ma rrapreżentaw lill-attur fil-proċeduri kriminali, u din id-dikjarazzjoni qatt ma ġiet kontradetta mill-attur. Għalhekk, fuq bażi ta' probabilta' l-Qorti ssib li din l-irċevuta qegħda tirreferi għal servizzi professjonali mogħtija unikament lil missier l-attur fi proċeduri ġudizzjarji oħrajn.

**Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra takkorda s-somma ta' €3,120 li tkopri l-irċevuti kollha maħruġa ħlief dik maħruġa minn Dr E. Mallia & Associates.**

**TOTAL DAMNUM EMERGENS : €6,150 + €2,000 + €3,120 = €11,270**

***Lucrum Cessans***

Għal dak li jirrigwarda **lucrum cessans**, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fil-każ **Simon Abela vs Alexander Mifsud deċiż fis-6 ta' Lulju 2021 -**

*"50. Jirriżulta, kif intqal fis-sentenza **Emmeline Cini vs Antoine Cachia**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013, il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali li sofra l persuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.*

*51. Fil-każ **Malcolm Cumbo vs Malta Freeport Terminals Ltd** deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Qorti stabbiliet:*

*"Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid isir fuq it-telf ta' qliegħ li l-attur seta' bagħta diġa' minn dakinhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbagħti 'l quddiem minħabba l-inkapaċita` għal dejjem li huwa ġarrab flinċident mertu tal-każ."*

*52. Jirriżulta wkoll illi fil-kawża* **Paul Debono vs Malta Drydocks** *deċiża mill-Prim' Awla fis-27 ta' April 2015 ġie ritenut:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hija ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjanti ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, pero` l-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

Il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Dwar **il-persentaġġ ta' diżabilita'** l-Qorti tirreferi għall-każ **Dorian Mallia vs Mario Mifsud et deċiż fis-7 t'Ottubru 2015 -**

*"M'hemmx provi li llum l-attur qiegħed ibati minn debilita' fiżika. Il-provi mediċi juru li l-inċident ta lok għal debilita' mentali, li t-tobba ċċertifikaw fi grad ta' 40%. Irrizulta li l-attur kien student fl-Universita' ta' Malta u ggradwa. Mir-rapport akkademiku (fol. 112-113) hu evidenti li l-attur kien student diliġenti u fl-eżamijiet kellu suċċess. Jidher ukoll li wara li ggradwa beda jaħdem fis-servizz pubbliku fil-post ta' Uffiċjal għas-Saħħa Ambjentali fil-Ministeru għas-Saħħa b'paga li tibda minn €14,694 fis-sena u tiżdied kull sena b'€354, għall-perjodu ta' sitt snin, sa massimu ta' €16,8184. Jidher għalhekk li bħalissa d-debilita' li għandu l-attur m'hiijex teffetwa l-qliegħ tiegħu. Ovvjament dan ma jfissirx li fil-futur ma tistax ikollha konsegwenza fil-progress tal-karriera tiegħu, meqjus ukoll li l-attur għadu żagħżugħ. Dan apparti li hu magħruf li f'każijiet simili kemm-il darba l-ħsara li ssofri l-vittma ma jkollix konsegwenza fuq l-introjtu tagħha u madankollu l-qrati xorta rrikonoxxew li l-persuna għandha l-jedd għar-riżarciment. Hu fatt li fir-realta' l-vittma tkun qegħda tiġi kkumpensata għal telf li m'għandu x'jaqsam xejn ma' lucrum cessansu kontemplat fl-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Ċivili.*

*7. L-attur jippretendi li d-danni għandhom jiġu kalkolati fuq rata ta' debilita' permanenti ta' 40%. Is-soċjeta' intervenuta argumentat li ġialadarba ma jirriżultax li l-attur sofra debilita fiżika:-*

*"... d-diżabilita psikoloġika ta' 40% sofferta mill-attur hija partial wreck b'mod allura illi l-whole body impairment ma jistax jiġi kkalkluat sic et simpliciter fuq l-istess 40% aktar u aktar meta l-attur ma sofra l-ebda diżabilita fiżika illi tista' tiġġustifika din id-diżabilta psikika inġenti... B'hekk id-diżabilta' psikoloġika ta' 40% ma tistax titqies bħala perċentwali ta' debilita' globali– whole body impairment".*

*L-intervenuta pproponiet rata ta' debilita ta' 15%.*

*8. Il-qorti fehemet li l-inċident in kwistjoni effettwa l-ħajja ta' kuljum tal-attur. Jirriżulta li bħala kura qiegħed jieħu mediċina u wkoll jattendi sessjonijiet ta' terapija. Kif xehed il-perit mediku dawn jidhru li ser ikunu long term. Pero' għalkemm l-attur ġie ċċertifikat li għandu rata ta' debilita' permanenti ta' 40%, il-qorti hi tal-fehma li ma tistax taddotta dan il-persentaġġ. F'każijiet ta' din in-natura li persuna jkollha debilita' ta' 40% għandu jfisser li qegħda ssofri minn difett gravi ħafna f'saħħitha li jissarraf f'telf ta' qliegħ. Fil-każ in eżami m'hemmx prova ta' dan. Għalkemm il-perit mediku ffissa rata ta' debilita' ta' 40%, fir-rapport qal ukoll li d-debilita' psikoloġika hi:* ***"mild to moderate"****(fol. 134). Fid-dokument intestat Global Assessment of Functioning (GAF) Scalemehmuz mar-rapport tal-perit mediku ex parte(fol. 8) jingħad:-*

*"**Some mild symptoms**(e.g. depressed mood and mild insomnia)* ***OR some difficulty in social, occupational or school functioning*** *(e.g., occasional truancy, or theft within the household),* ***but generally functioning pretty well, has some meaningful interpresonalrelationships****.* ***Moderate symptoms*** *(e.g., flat affect and circumstantial speech, occasional panic attacks)* ***OR moderate difficulty in social, occupational, or school functioning*** *(eg friends, conflicts with peers or co-workers)".*

*Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser tagħmel il-kalkoli fuq persentaġġ ta' 25% li filwaqt li tirrifletti s-serjeta' tad-debilita', min-naħa l-oħra tieħu in konsiderazzjoni wkoll li kif qal il-perit mediku is-sintomi li jbati minnhom l-attur m'humiex kontinwi kif ukoll li l-attur kompla bl-istudji tiegħu, iggradwa u llum jaħdem fil-professjoni li agħżel."*

Kif irriżulta mill-atti tal-każ odjern, il-**persentaġġ ta' diżabilita'** riskontrati mill-psikjatra espert inkarigat minnha Dr Joseph Spiteri huwa ta' 24%. Inoltre, kif

ikkonstata l-espert mediku nkarigat minnha d-dentist Dr Nicholas Busuttil Dougall l-implants taw lill-attur il-funzjoni sħiħa tas-snien u estetika adegwata u kwindi l-attur huwa meqjus li ma sofriex diżabilita' fiżika permanenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalkemm il-Qorti aċċettat ir-rapport ta' Dr Spiteri dwar id-diżabilita' psikoloġika ta' 24% ma tqisx li meta meħud fil-kuntest tal- *whole body impairment* dan il-persentaġġ għandu jibqa' l-istess.

Fuq skorta tal-prinċipji elenkati fis-sentenza appena ċitata din il-Qorti nfatti tqis li m'għandhiex tadotta l-persentaġġ sħiħ ta' 24%. Nonostante l-fatt li f'Jannar 2014 l-attur waqaf mill-kors li kien qiegħed isegwi l-MCAST u ma jidhirx li wera nteress li jerġa jibdih fi żmien ieħor, ftit tax-xhur wara huwa xorta beda jaħdem b'salarju gross ta' circa €14,400 fis-sena. B'hekk ma jidhirx li d-debilita' psikoloġika qegħda preżentament taffetwa l-qliegħ tal-attur u lanqas jidher li hemm xi periklu reali li huwa jsib diffikulta' li jkompli javvanza fix-xogħol tiegħu stante li l-impjieg tiegħu huwa fl-ażjenda ta' missieru.

Meħudin dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti sejra tadotta persentaġġ ta' debilita' permanenti ta' **18%** li fil-fehma tagħha jirrappreżenta bilanċ bejn id-diżabilita' psikoloġika li sofra l-attur u l-kunsiderazzjonijiet appena magħmula.

2. Dwar **il-multiplier**, ingħad hekk fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deċiż fil-25 ta' Frar 2016 -**

***"Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l--*

*multiplier bħala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-dannegjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might*

*anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu ifixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[59]. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[60].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller*

---

[59] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

[60] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

Fil-każ odjern jirriżulta li l-attur twieled fit-23 ta' Lulju 1996 u għalhekk dakinhar tal-inċident kellu 16 -il sena. Huwa minnu li matul is-snin twalet mhux biss l-aspettativa għal ħajja itwal imma ġiet anke estiża l-ħajja lavorattiva għal 65 sena. Madankollu l-Qorti tqis ukoll li għandha tibbilanċja dawn il-fatturi ma' kriterji oħrajn li ssemmew fil-ġurisprudenza suċċitata senjatament li fil-kumpens mogħti għandu jkun hemm tnaqqis minħabba l-inċertezzi tal-ħajja u l-possibilita' li d-danneġġjat ma ma jwassalx sal-eta' tal-pensjoni kif ukoll il-fatt li l-attur ser ikun qiegħed jingħata benefiċċju f'somma sħiħa ta' darba.

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tqis li huwa ekwu u ġust li timxi fuq multiplier ta' **40 sena.**

3. Dwar **l-introjtu tad-danneġġjat, g**ħal kull buon fini l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha stess fl-ismijiet **Louis Spiteri et vs Citadel Insurance plc et deċiż fit-3 t'Ottubru 2018** fejn esprimiet ruħha dwar jekk l-introjtu għandux ikun kalkulat bħala *gross pay* jew *net pay*. Hija kienet qalet hekk -

*"Il-Qorti hija konxja li l-ġurisprudenza hija konfliġġenti dwar dan il-punt. Huwa minnu li hemm ġurisprudenza, kwotata mis-soċjeta' konvenuta li tiffavorixxi l-kalkoli a bażi tas-somma netta ta' salarju perċepit mid-danneġġjat. Iżda hemm ukoll ġurisprudenza oħra li timxi a bażi tal-paga gross. Din il-Qorti kif preseduta, kif diġa' kellha okkażjoni tagħmel f'kawżi ta' natura simili timxi in linea mas-salarju gross tad-danneġjat għax fil-fehma tagħha mhuwhiex kompitu tal-Qrati*

*li jidħlu huma fil-kwistjonijiet ta' taxxa li strettament jispettaw lill-parti danneġġjata u d-Dipartiment tat-taxxi.*

*Hekk kif ingħad fil-każ* ***Ronnie Spiteri et vs Paza Ltd et deċiż fid-29 ta' Settembru 2016***[61] ***-***

*"Il-posizzjoni tal-Qrati tagħna – din il-Qorti tgħid – ġustament – hija li l-fattur rilevanti huwa l-gross wage għaliex it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali huma rrilevanti għall-komputazzjoni tal-lucrum cessans billi dawk huma materji li jidħlu fil-kwadru tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiż iżda ċertament mhux fil-kuntest tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant."*

*Ingħad ukoll fil-każ* ***Frank Brincat et vs Claudia Camilleri deċiż fis-26 ta' Novembru 2010***[62] ***-***

*"Dwar is-salarju tad-decujus ……jista' jingħad li t-taxxa li seta kien qed iħallas jew li kien għad fadallu jħallas il-mejjet m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni. Fil-kawża "**Laura Formosa et vs Emanuel Spiteri et**" deċiża minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-28 ta'April 2005 saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet "**Muscat vs Schembri**" deċiża fis-27 ta Jannar 1972 fejn intqal li "l-income tax li seta' ħallas id-decujus ossia d-danneġġiat hi affari bejnu u l-gvern li fiha l-obbligat ma jidħolx. Bl-istess mod f'"**Micallef vs Cassar**" deċiża fl-10 ta' Mejju 1982 intqal li "l-kontribuzzjonijiet li seta' għamel id-danneġġiat għan-National Insurance m'għandhomx jitnaqqsu mill-paga."*

[61] Rik Gur 153/08
[62] Rik 1663/1995

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti sejra timxi fuq il-paga ta' €1200 gross fix-xahar u kwindi €14,400 fis-sena. Ma' dawn ser iżżid is-somma ta' €1,000 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja matul il-perjodu li ser jintuża bħala multiplier.

B'hekk **il-qliegħ annwali ser jiġi kalkulat fuq €15,400 fis-sena.**

Dwar it-**tnaqqis tal-lump sum** l-attur jipproponi li ma jkunx hemm dan it-tnaqqis peress li l-banek kummerċjali llum il-ġurnata jagħtu rati baxxi ta' imgħax[63].

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument.

Ingħad hekk fil-każ **Noel Zahra vs Joseph Orlando deċiż fis-27 ta' Mejju 2021**-

*"L-attur igħid li ma għandux ikun hemm 'lump sum' reduction billi llum il-banek ma għadhomx jagħtu imghaxijiet għoljin bħal qabel (L-attur għamel referenza għas-sentenza Trevor Grech vs Lawrence Agius, PA 17/10/2018).*

*Illi l-lump sum payment ta' 20% titnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Dan m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża jekk min jikkawża l-ħsara ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża.*

*Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li llum il-ġurnata l-imgħax li jagħtu l-banek huwa insinifikanti, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-attur se jkollu f'idejh somma sostanzjali, u li ma kienx għal dana l-inċident, ma kienx jakkwista ħlief wara ċertu snin ta' ħidma. Il-flus mhux neċessarjament tinvestihom billi tħallihom il-bank jakkumulaw l-imgħax iżda jistgħu jiġu nvestiti f'diversi proġetti oħra. Għalhekk tnaqqis għal lump sum payment għandu isir f'dan il-każ."*

[63] Fol 415

Fil-każ odjern l-inċident seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 u l-kawża odjerna ġiet istitwita fit-30 ta' Lulju 2014 filwaqt li ser tinqata' seba' snin wara. Il-Qorti ma tqisx li tali dewmien kien attribwibbli għal xi nuqqas tal-partijiet; pjuttost il-kawża damet minħabba l-kwantita' ta' provi li tressqu inkluż l-ħtieġa li jitqabbdu esperti mediċi biex jirrelataw dwar il-mertu. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li għandu jkun hemm **tnaqqis ta' 8%** (20% - 12%).

**TOTAL LUCRUM CESSANS: (€15,400 x 40) x 18% - 8% = €102,009.60**

Inoltre, mis-somma totali ta' damnum emergens u lucrum cessans ta' €113,279.60 **għandha titnaqqas is-somma ta' €3,670** li l-konvenut ġie ordnat biex iħallas lill-attur skont is-sentenza surreferita **Pulizija vs Zachary Vella** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalkemm id-difensur ta' l-attur baqa' ma ppreżentax in-nota li waqt is-seduta tat-30 t'April 20121 obbliga ruħu li jintavola sabiex jikkonferma li dan il-ħlas sar, il-Qorti fehmet li hemm qbil bejn il-partijiet li din is-somma diġa' tħallset lill-attur mill-konvenut.

**Għalhekk it-tieni u t-tielet talba tal-attur sejrin jintlaqgħu u s-somma globali dovuta lill-attur hija ta' €109,609.60.**

Filwaqt li għar-raġunijiet kollha suesposti, l-eċċezzjonijiet tal-konvenut sejrin jiġu respinti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi kif dedotta;**

**2. Tilqa' l-bqija tat-talbiet attriċi billi tillikwida s-somma ta' mija u disat elef, sitt mija u disa' Ewro u sittin ċenteżmu (€109,609.60) bħala danni sofferti mill-attur kawża tal-inċident li seħħ ġewwa Castello dei Baroni lejlet l-ewwel tas-sena 2013 u tordna lill-konvenut iħallas tali somma lill-istess attur;**

**3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kif mitlub mill-attur.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**